**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Jannar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Daniel Mc Gahern**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Marzu 2023 - migjuba kontra:

   Daniel Mc Gahern ta' 23 sena, iben Timothy u Jennifer nee' Grima, imwieled Pieta, nhar is-27 ta' Awwissu 1999 u residenti gewwa 117, Salvatore Crt, Flat 6 Triq l-Ghannejja Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita Maltija 0288199M

   Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

   1. Fil-lejl ta' bejn it-8 ta' Marzu u d-9 ta' Marzu 2023, gewwa Blade and Bean Barber Shop, Triq Merkanti l-Belt Valletta kkommetta serq ta' flus kontanti liema serq

huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda ma huwiex izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-detriment ta' Kain Galea u/jew persuni jew entitajiet ohra.

2. Fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Marzu u s-7 ta' Marzu 2023, gewwa Luciano Al Porto, Triq Sant' Ursola l-Belt Valletta, kkometta serq ta' oggetti elettronici liema serq huwa aggravat bil-hin u l-mezz ghad-detriment ta' Joseph Mary Bonello Bianco u/jew persuni jew entitajiet ohra.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Joseph Mary Bonello Bianco u/jew persuni jew entitajiet ohra.

4. fl-istess dati u fil-jiem ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom

5. U aktar talli fl-istess dati, u fil-jiem ta' qabel, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminali, mill-Imhallef Dr C. Scerri Herrera LL.D. fid-digriet taghha moghti nhar l-14 ta' Gunju 2021, u digriet/i sussegwenti, li bih ta [sic] il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Daniel Mc Gahern u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Daniel Mc Gahern, kif ukoll tordna li s-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala depozitu u ghaxar t'elef Euro (€10,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u dan ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija l-imputat jigi trattat bhala recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**IL-FATTI**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

    1. Fis-7 ta' Marzu 2023, Joseph Mary Bonello Bianco, li jiggestixxi l-boutique hotel Luciano Al Porto, fi Triq Sant'Ursola, Valletta, irraporta l-ghassa tal-Belt Valletta u qal li xi hadd kien sgassa l-bieb tal-hotel, ghax induna mill-hsara li kien hemm fuq il-bieb, pero hu ma riedx jidhol gewwa l-hotel qabel jigu l-Pulizija. Meta marru fuq il-post, is-Sur Bonello Bianco qal lil Pulizija li kien insteraq network switch. Hu ta lill-Pulizija xi filmati tas-CCTV, u l-Pulizija elevaw ukoll xi filmati minn CCTV cameras fil-vicinanzi.

    2. Meta gew analizzati dawn ic-CCTV cameras, gie stabbilit li s-serqa saret minn zewg persuni maskili, u minn investigazzjoni ulterjuri, il-Pulizija kellha suspett qawwi li wiehed minnhom kien Patrick Mc Gahern.

3. Sussegwentemnt fid-9 ta' Marzu 2023, Kain Galea ghamel ukoll rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta, li xi hadd kien dahal fil-hanut fejn jahdem, Blade and Bean Barber shop, fi Triq il-Merkanti Valletta, u seraq erba' mitt Euro (€400) kontanti li kienu fil-cash register.

4. Mill-filmati tac-CCTV footage ta' gol-hanut Blade and Bean, ukoll kien jirrizulta li s-serqa saret minn zewg persuni maskili, u b'mod simili hafna ghas-serqa tal-boutique hotel. Il-hwejjeg li kienu libsin dawn iz-zewg hallelin kienu simili hafna ghall-hwejjeg li kienu libsin iz-zewg hallelin tal-boutique hotel. Dawn il-filmati komplew sahhew is-suspett tal-Pulizija li wiehed mill-hallelin kien Patrick Mc Gahern.

5. Wara li gie mahrug mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Patrick Mc Gahern, il-Pulizija marret fir-residenza ta' Patrick Mc Gahern, li tinsab fil-Belt Valletta. F'din ir-residenza kien hemm ukoll l-imputat li identifika ruhu bhala n-neputi ta' Patrick Mc Gahern. Fuq il-post il-Pulizija raw zarbun li skond huma kien simili hafna ghal dak li jidher fil-filmati, u l-imputat prova jwarrbu mal-genb. Dan qanqal suspett fil-Pulizija li t-tieni halliel li kien jidher fil-filmati kien l-imputat. Ghalhekk il-Pulizija arrestat lill-imputat flimkien ma' Patrick Mc Gahern.

6. Minn go din ir-residenza, il-Pulizija elevat diversi hwejjeg kif ukoll ghodda li kellhom suspett li gew uzati waqt iz-zewg serqiet.

7. Ghaldaqstant, l-imputat tressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjonijiet fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-htija**

6. Qabel ma tikkonsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun oppportun li tikkonsidra fl-ewwel lok il-livell tal-prova li l-Prosekuzzjoni trid tilhaq fi proceduri kriminali.

*Il-Livell tal-Prova rikjest fi Proceduri Kriminali*

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel diversi sottomissjonijiet fis-sens li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ghaliex ma saritx inkjesta *in genere* biex tippreserva l-evidenza fiz-zewg serqiet u ma gewx appuntati esperti forensici, partikolarment ghal testijiet tad-DNA u impronti digitali. Sabiex tevita ripetizzjonijiet inutli iktar tard f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-opinjoni li hija ghandha f'dan l-istadju taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 t'Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. … …*

*Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll importanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[2]

8. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli*

[1] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[2] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.
[3] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)."*

9. Il-Qorti sejra tezamina l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fid-dawl tal-insenjament f'dawn iz-zewg sentenzi.

<u>*Il-Meritu*</u>

10. Il-Qorti tista' tghid li l-Prosekuzzjoni qed isserrah il-kaz taghha kontra l-imputat fuq il-filmati tac-CCTV ezebiti f'dawn il-proceduri kif ukoll il-hwejjeg elevati mir-residenza ta' Patrick Mc Gahern waqt l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' tfittxija, u li ukoll gew ezebiti f'dawn il-proceduri. Ghalkemm mix-xhieda ta' diversi ufficjali tal-Pulizija jidher li giet elevata wkoll xi ghodda waqt din it-tfittxija, din l-ghodda ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri.

11. Il-magistrat sedenti rat personalment ghal diversi drabi dawn il-filmati tac-CCTV ezebiti, kif ukoll ezaminat personalment il-hwejjeg u z-zraben ezebiti. Dan ovvjament apparti li rat l-istills fir-rapport tal-espert tal-informatika Donald Tabone, li gie mahtur minnha biex johrog dawn l-istills mill-filmati, u r-rapporti ezebiti minn PC 355 Charlot Chircop, li wkoll ghamel ezami ta' dawn il-filmati.[4] Ghalkemm huwa vera li PC 355

[4] Ara r-rapporti ezebita bhala Dok CC3 u CC4 a fol. 42 *et seq.* tal-process.

Charlot Chircop huwa xhud ex parte tal-Prosekuzzjoni, u mhux espert tal-Qorti, dan ma jfissirx li l-istills mahruga minnu ghandhom jigu skartati, u fil-fatt lanqas id-difiza ma ghamlet xi sottomissjoni f'dan is-sens. Naturalment, l-opinjoni u l-konkluzjonijiet tieghu fuq l-istills jghinu biss lill-Qorti biex tifhem kif il-Prosekuzzjoni mexxiet l-investigazzjoni taghha, pero bl-ebda mod ma jorbtu lil din il-Qorti, kif del resto lanqas jorbtu lil din il-Qorti l-konkluzjonijiet tal-esperti mahtura minnha.

12. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-difiza li l-kwalita tal-filmati hija wahda baxxa. Hafna mill-filmati rigwardanti s-serqa mill-boutique hotel huma ta' kwalita gholja, bil-kulur, u sahhansitra ghandhom l-audio. Il-filmati rigwardanti is-serqa mill-hanut Blade and Bean huma ta' kwalita iktar inferjuri u mhux bil-kulur, pero xorta jaghtu stampa cara tad-dinamika tas-serqa.

13. Minn dawn il-filmati, li kif diga inghad il-magistrat sedenti rat personalment, jidher biss ghal ftit sekondi il-wicc ta' dak il-halliel li kien qed jipprova jizgassa bla success il-bieb tal-boutique hotel. Still ta' dan il-mument u tkabbir tal-istill juri wicc dan ir-ragel iktar car kif ukoll tattoo partikolari li ghandu fuq idu.[5] Tattoo simili hafna ghat-tattoo li tidher f'din l-istill tidher fuq id wiehed mill-hallelin f'wiehed mill-filmati rigward is-serqa mill-hanut Blade and Bean.[6] Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dan ir-ragel li jidher f'din l-istill mhux l-imputat, pero hija tal-opinjoni li huwa Patrick Mc Gahern, ghaliex huwa jixbah hafna r-ritratt ta' Patrick Mc Gahern ezebit mill-Pulizija f'dawn il-proceduri,[7] u t-tattoo fuq idu hija wkoll prattikament identika ma' dik ta' Patrick Mc Gahern.[8]

14. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, wicc it-tieni halliel m'hu identifikabbli fl-ebda wiehed mill-filmati ta' dawn iz-zewg serqiet. Dan anke ghaliex, fil-filmati kollha iz-zewg hallelin kienu liebsin hoodie, u kif jidher mill-filmati meta kienu gewwa l-boutique hotel, iz-zewg hallelin qaghdu attenti biex regolarment jghollu l-hoodie li kienu libsin biex jghattu halqhom u imnehirhom, ovvjament bl-iskop sabiex ma jigux identifikati bil-filmati tac-CCTV.

[5] Ara fol. 43 *a tergo* u fol. 45 *a tergo* tal-process.
[6] Ara fol. 54 *a tergo* tal-process.
[7] Ara fol. 46 tal-proceduri.
[8] Ara fol. 54 *a tergo* tal-process.

15. Pero mill-filmati taz-zewg serqiet jirrizulta li z-zewg hallelin ghandhom presso o poco l-istess statura fis-sens li huma tal-istess tul u ghandhom figura snella.

16. Fis-serqa mill-boutique hotel, Patrick Mc Gahern kien liebes qalziet iswed, hoodie sewda, u sneakers ta' kulur skur. Min-naha l-ohra, it-tieni halliel kien liebes qalziet camouflage, hoodie griza u sneakers abjad. Zewg qliezet, zewg hoodies u zewg sneakers prattikament identici ghal dawk li kienu libsin dawn iz-zewg hallelin gew elevati mill-Pulizija mir-residenza ta' Patrick Mc Gahern. Il-magistrat sedenti ezaminat personalment il-hwejjeg u z-zraben ezebiti, u l-filmati tac-CCTV, u tikkonkludi li ma jistghax ikun hemm dubbju ragonevoli li l-hwejjeg ezebiti huma identici ghal hwejjeg li l-hallelin jidhru libsin f'din is-serqa mill-boutique hotel.

17. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li r-residenza fil-Belt Valletta fejn saret it-tfittxija joqghodu Patrick Mc Gahern li jigi zijuh u t-tfajla ta' zijuh, u li hu kien ilu l-ahhar xahrejn u nofs jinzel ghandu.[9] Fil-fatt meta gie ezegwit il-mandat tat-tfittxija mill-Pulizija, l-imputat kien f'din ir-residenza.

18. Ghalkemm il-provi migjuba mill-Pulizija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tas-serqa mill-boutique hotel huma kollha provi cirkostanzjali, pero dawn il-provi huma univoci u jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat huwa it-tieni halliel li jidher fil-filmati tas-serqa mill-boutique hotel.

19. Fir-rigward is-serqa mill-hanut Blade and Bean, mill-filmati tac-CCTV li l-magistrat sedenti wkoll rat personalment, l-ebda wiehed miz-zewg hallelin ma hu identifikabbli minn wiccu. Pero jirrizulta li wiehed mill-hallelin kien liebes sneakers ta' kulur skur, waqt li l-iehor kien liebes sneakers ta' kulur car hafna. Il-halliel liebes is-sneakers skuri kien liebes qalziet camaflouge u hoodie ta' kulur skur. Il-halliel liebes is-sneakers ic-cari kien liebes hoodie ta' kulur skur, u gakketta u qalziet ta' kulur car. Il-halliel liebes is-sneakers skuri kellu fuq idu tattoo, u fl-opinjoni tal-Qorti ma hemmx dubbju ragonevoli li din it-tattoo hija identika ghal dik li ghandu fuq idu Patrick Mc Gahern, u ghalhekk dan il-halliel kien Patrick Mc Gahern.

[9] Fol. 230 tal-process.

20. Din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li s-sneakers li kienu libsin iz-zewg hallelin f'din is-serqa, u l-qalziet camoflouge ezebiti f'dawn il-proceduri intuzaw ukoll fis-serqa tal-hanut Blade and Bean.

21. Is-serqa mill-hanut Blade and Bean saret fi zmien circa tmienja u erbghin siegha minn dik tal-boutique hotel, u l-hallelin uzaw l-istess modus operandi. F'din is-serqa Patrick Mc Gahern jidher liebes il-qalziet camaflouge li kien liebes l-imputat fl-ewwel serqa. It-tieni halliel f'din is-serqa kien liebes sneakers ta' kulur car, bhalma kien liebes l-imputat fis-serqa tal-boutique hotel, u li l-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li hu s-sneakers ta' kulur abjad ezebit f'dawn il-proceduri. It-tieni halliel kien liebes ukoll hoodie ta' kulur skur, pero l-kulur preciz ma jistghax jigi determinat preciz ghax il-filmati huma black and white. Kif diga inghad fis-serqa mill-boutique hotel, l-imputat kien liebes hoodie ta' kulur griz.

22. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dawn il-provi cirkostanzjali huma wkoll univoci u jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li t-tieni halliel f'din is-serqa mill-hanut Blade and Bean kien l-imputat.

23. Mill-provi prodotti jirrizulta li s-serqa mill-boutique hotel hija ikkwalifikata bil-hin u bil-mezz. Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Joseph Bonello Bianco jirrizulta li konsegwenza tal-izgass, gew kagunati danni fil-bieb tal-hotel fl-ammont ta' mija u seba' u sittin Euro u sitta u hamsin centezmu (€167.56).[10]

24. Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li s-serqa mill-hanut Blade and Bean hija ikkwalfikata bil-hin. Fin-nota taghha d-difiza tissottometti li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx sal-grad rikjest mil-ligi li din is-serqa kienet ukoll ikkwalifikata bil-valur. Dan ghaliex sid il-hanut Rajan Bharwani xehed li gol-cash register kien hemm ftit inqas minn hames mitt Euro (€500) u li l-haddiema kienu qalulu li ma kienux nehhew il-flus mill-cash register ghax kienu baqghu sejrin bix-xoghol sa tard bil-lejl.[11] Kain Galea, wiehed mill-haddiema ta' Bharwani, xehed li hu kien ghalaq il-hanut il-gurnata ta' qabel u li qabel telaq kien ghadd il-flus li kien hemm fil-cash register, u sab li kien hemm erba' mitt Euro (€400). Fir-rapport tieghu lill-Pulizija, Kain Galea ukoll kien qal li l-

[10] Ara fol. 23 tal-process.
[11] Ara fol. 239 tal-process.

ammont misruq kien ta' €400.[12] Ghalhekk dan ix-xhud kien konsistenti f'dak li qal. Mill-filmat tac-CCTV footage jirrizulta car li l-cash register kien fih numru tajjeb ta' karti tal-flus li gew kollha misruqa mill-imputat u l-ko-awtur tieghu, u l-imputat ha anki l-muniti z-zghar li kien hemm fil-kexxun. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xhieda ta' Kain Galea li kienu insterqu €400 hija wahda attendibbli. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-kwalifika tal-valur giet ukoll debitament ippruvata.

25. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

26. Rigward ir-raba' imputazzjoni, u cioe dik tar-ricettazzjoni, huwa ovvju li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet ta' serq. Dan gie anke dikjarat mill-Prosekuzzjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha. Ghaldaqstant, la darba din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, hija sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din ir-raba' imputazzjoni.

27. Il-hames imputazzjoni hija li l-imputat naqas li jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu tal-helsien mill-arrest fid-digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Gunju 2021. Id-difiza tissottometti li minkejja li giet ezebita vera kopja ta' dan id-digriet mill-ispettur Joanna Piscopo, l-ispettur Piscopo ma ikkonfermatx fix-xhieda taghha li l-kundizzjonijiet f'dan id-digriet ghadhom in vigore u li ma gewx varjati.

28. Fix-xhieda taghha, l-ispettur Joanna Piscopo qalet hekk:

*"Mela qed nipprezenta vera kopja tal-bail conditions li nghataw fil-kawza Pulizija vs Daniel Mc Gahern l-istess bail conditions inghataw fl-14 ta' Gunju tal-2021 mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera. Din hija kawza li qed immexxi jiena ghadha ghaddejja ... ... (u) qed naghraf lil Daniel hawnhekk ... ..."*[13]

29. Qabel l-ispettur Joanna Piscopo bdiet ix-xhieda taghha, hija hadet il-gurament li tghid is-sewwa u s-sewwa kollu. Likieku dawn id-digriet m'ghadux in vigore jew gie varjat, l-ispettur Piscopo kienet obbligata legalment li tghid dan il-fatt ukoll, u l-Qorti ma

[12] Ara fol. 74 tal-process.
[13] Ara fol. 277 tal-process.

jidhriliex li ghandha ghalfejn tghid izjed. Ghaldaqstant, il-Qorti hija konvinta li lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li d-digriet tal-helsien mill-arrest ezebit kien ghadu in vigore u ma giex varjat fid-data li fiha xehdet l-ispettur Piscopo.

30. In oltre, kopja legali ta' digriet tal-helsien taghmel prova shiha u kompluta ghal finijiet li r-reat gie kommess bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni m'ghandhix ghalfejn tipproduci prova li dan id-digriet ghadu in vigore jew li gie varjat. Jekk l-imputat jikkontesta li d-digriet m'ghadux in vigore jew gie varjat, spetta ghalih li jaghmel prova kuntrarja, imqar fuq bazi ta' probabbilita (ara b'analogija s-sentenza **Il-Pulizija vs Julian Genovese** deciza fid-9 t'Ottubru 2009 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[14]

31. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest hija li l-imputat jirrinkaza ruhu fid-disgha ta' fil-ghaxija 9.00pm, u ma johrogx mid-dar qabel it-tmienja ta' fil-ghodu (8.00a.m.). Billi mill-provi jirrizulta li z-zewg serqiet sehhew bil-lejl, meta l-imputat kien obbligat li jkun rinkazat, allura jirrizulta li l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

32. Rigward l-addebitu tar-recidiva giet ezebita s-sentenza 'Il-Pulizija vs Daniel Mc Gahern' deciza fit-22 ta' Mejju 2022 minn din il-Qorti diversament preseduta, li ikkundannat lill-imputat ihallas multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien gimghatejn.[15] Mix-xhieda tad-deputat registratur Doreen Pickard jirrizulta li ghalkemm din is-sentenza ma gietx appellata, din il-multa ghadha mhix imhallsa.[16] La darba l-multa ma gietx imhallsa, ma jistghax jitqies li l-piena giet skontata, u konsegwentement din is-sentenza ma tistax tintuza ghal fini ta' recidiva kif hemm mahsub fl-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement, l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-addebitu tar-recidiva.

---

[14] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[15] Ara fol. 283 - 284 tal-process.
[16] Ara fol. 286 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

33. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li fil-fedina penali tieghu l-imputat ghandu kundanna wahda ghal sewqan minghajr licenzja tas-sewqan.

34. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li kien qed isegwih taht ordni temporanja ta' supervizjoni jirrizulta li l-imputat ilu minn Gunju 2021 jigi segwit taht ordni temporanja ta' supervizjoni fi proceduri kriminali ohra kontrieh, u li ghandu bzonn jindirizza diversi aspetti problematici f'hajtu fosthom abbuz tad-droga sintetika u problemi ta' akkomodazzjoni.[17] Fil-passat ma weriex koperazzjoni mal-Ufficjal tal-Probation, pero matul dawn il-proceduri deher motivat li ibiddel hajtu. Mix-xhieda ta' Marie Claire Camilleri, psychology assistant fil-habs, jirrizulta li l-imputat lanqas ghandu a family support system adegwata barra l-habs, tant li lil ommu ma kienx ikellimha, ghall-inqas sad-data li fiha xehdet din ix-xhud.[18]

35. Rigward l-iskopijiet tal-piena, il-Qorti taghmel riferenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzereno Micallef** deciza fit-28 ta' Novembru 2006, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"… … (H)uwa minnu li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

---

[17] Ara fol. 57 tal-process.
[18] Ara fol. 218 tal-process.

36. L-imputat ilu taht arrest preventiv mill-bidu ta' dawn il-proceduri, u mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation kif ukoll tas-Psychology assistant tieghu fil-habs, huwa dan il-fatt li l-imputat jinsab f'ambjent konfinat li gieghlu jibda juri motivazzjoni li jbiddel hajtu. Pero, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux kapaci jindirizza l-problema tieghu ta' tossikodipendenza jekk ma jkunx f'ambjent kontrollat, u dan kemm minhabba li fil-passat, meta huwa kien fil-kommunita, huwa irrifjuta persistentement li jikkopera mal-Ufficjal tal-Probation, kif ukoll li m'ghandux a family support system li tista' tghinu jzomm ruhu l-boghod mill-kriminalita. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja lejn il-minimu imma li tippermettilu sabiex jekk irid jindirizza l-problema tieghu ta' tossikodipendenza, u dan fl-interess tieghu stess, u fl-interess ukoll tas-socjeta.

37. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li t-tielet imputazzjoni, u cioe dik ta' hsara volontarja fuq proprjeta hija assorbita fit-tieni imputazzjoni, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq bi sgass minn gewwa l-boutique hotel Luciano Al Porto.

38. Ghalkemm din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni, u cioe li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, u parti mill-piena karcerarja imposta se tkun konsegwenza tas-sejbien ta' htija ghal dan ir-reat, il-Qorti hija tal-opinjoni li ma jkunx idoneu li tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni li tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest. Dan ghaliex fl-ewwel lok il-ksur ta' dan id-digriet jikkonsisti biss fil-ksur tal-kundizzjoni tal-hinijiet tar-rinkazar, stante li ghal xi raguni dan id-digriet ma jikkontjeniex ukoll kundizzjoni li l-imputat ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif digrieti tal-helsien mill-arrest normalment jikkontjenu. In oltre, il-Qorti tixtieq tati l-ahhar opportunita lill-imputat biex jirriabilita ruhu u jerga' jidhol lura fil-kommunita, u mhux jerga' jispicca l-habs taht arrest preventiv, wara li jiskonta l-piena karcerarja li se tigi erogata b'din is-sentenza.

**Konkluzjoni**

37. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni;

2. tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva;

3. wara li rat l-Artikoli 261(b)(c) u (f), 263, 267, 270, 278(2), 279(a), 280(1), 20 u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

4. tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tordna biss il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depositu ta' elf Euro (€1000), liema depositu kien impost fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fl-14 ta' Gunju 2021 mill-Qorti Kriminali, mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera, pero tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka ta' dan id-digriet u ghal ordni ghall-arrest mill-gdid tal-imputat.

5. inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€430.68) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**